MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Numru 163/2003

**Artikoli 185 u 188 tal-Kap 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Carlo Ellul**
**V**

**JOSEPH BORG**

**Seduta ta' llum, 27 ta' Marzu 2003**
**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH BORG** ta' hamsa w tletin sena, bin Francis u Rosina nee Micallef, imwieled Tas Sliema nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Settembru 1966 u residenti 'Warda Hamra', Triq Grosseto B'Kara jew 'Warda Hamra', Triq Gdida fi Triq Paul Borg Olivier, B'Kara, detentur tal-karta tal-identita numru 407766M, gie imressaq quddiemha akkuzat

1. talli fl-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 2001 u fix-xhur ta' qabel fl-isptar San Luqa l-Pieta, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi shara ta' haddiehor;
2. talli fl-istess zmien, lok, hin u cirkostanzi bi hsara ta' haddiehor, ghamel qliegh iehor b'qerq liema ammont ta' hsara maghmula minnu tammonta ghal aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn hames mitt lira maltin;
3. talli fl-istess perjodu u lokalita, bhala Ufficjal Pubbliku li minhabba l-kariga tieghu jew impjieg tieghu hu fid-dmir li jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta dikjarazzjoni fal;za jew certifikat falz.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 185 u 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat tnax ta’ Frar 2003 esebit fl-atti u mmarkat dokument CSH 2 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Marzu 2003 u ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil imputat jiddikjara li m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-

istess seduta ta' llum s-sebgha w ghoxrin ta' Marzu 2003 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat dak li verbalizzat l-Prosekuzzjoni fis-seduta ta' llum s-sebgha w ghoxrin ta' Marzu 2003 u cioe li l-imputat kkopera bis-shih maghha tul l-investigazzjoni kollha, li l-imputat ghamel dak li ghamel minhabba l-mard serju li kellha martu u li diga kkompensa lid-Dipartiment tas-Sahha ghad-danni sofferti minnu minhabba l-agir tieghu u konsegwentement minhabba din r-raguni specjali il-Qorti thoss li ghandha taghti piena inqas mill-minimu.

**Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 185 u 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Matla, tiddikjara li ssib lil imputat JOSEPH BORG hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u tilliberah ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' sena mill-lum.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------